**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Keith Scerri)**

**-Vs-**

**GIUSEPPE VISANI**

**Illum 30 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat li **GIUSEPPE VIASNI** ta' 18-il sena iben Claudio u Marina Fera, imwieled l-Italja fis-27 ta' Gunju 2005, mingħajr residenza fissa gewwa Malta u detentur ta' dokument ta' identita' Taljan numru CA 09323BT ġie mixli quddiemha akkuzat talli:-

1. Nhar it-28 ta' Lulju 2023, għall-ħabta ta' 18:00 ta' filgħaxija, min gewwa il-fond bl-isem 'HOSTEL MALTI', sitwat ġewwa Telgħet Birkirkara, San Giljan, ikkometta serq ta' €137.40c fi flus kontanti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-persuna, u dan għad-detriment ta' Christoffel Scifo Diamantino u/jew persuni u/jew entitajiet oħra.

Il-Qorti kienet miltuba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 biex dan il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur jaqra u jikkonferma bil-ġurament l-akkuża;

Semgħet lill-imputat waqt l-ezami, jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u jwieġeb li huwa ħati ;

Wissiet lill-imputat dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu, spjegat l-imputazzjoni li jinsab mixli biha u tatu ħin biex jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu wara illi ddikjara li m'għandux bżonn iktar ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija jew biex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu l-piena erogabbli ghar-reat li jinsab mixli bih;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputat ħallas lura lid-derubat l-ammont kollu ta' flus li ġie misruq minnu u dan qabel tressaq quddiem il-Qorti akkużat bis-serqa.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li giet registrata mill-imputat, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu, bl-assistenza tal-interpretu ġuramentat u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ġiet debitament ippruvata u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tar-reat li gie mixli bih.

Ghall-fini tal-piena ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat qiegħed jinstab ħati ta' reat li huwa serju, għaliex huwa seraq ammont ta' flus għad-detriment tas-sid tal-post fejn kien qiegħed tabilħaqq jalloġġja. Madankollu, qieset li, kif ġie sottomess mill-Prosekuzzjoni u kif jirriżulta mid-dokument iffirmat minn Christoffel Scifo Diamantino fid-29 ta' Lulju 2023, l-imputat ħallas lura lid-derubat l-ammont kollu misruq ta' €137.40 u għaldaqstant huma applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-artiklu 337 tal-Kap. 9 li jipprovdi għal tnaqqis ta' żewġ gradi fil-piena. Qieset ukoll il-fatt li l-ammont misruq mhuwiex wieħed sostanzjali, il-fatt li l-imputat għandu fedina penali kompletament netta u l-eta' żgħira tiegħu, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tiegħu fejn ġie Malta biex ifittex xogħol u qiegħed fil-preżent jistenna konferma dwar impieg prospettiv. Ikkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat eventwalment ikko-opera mal-Pulizija fl-investigazzjoni dwar dan il-każ u ddispjaċih ta' egħmilu tant illi skuża ruħu u ammetta l-ħtija tiegħu fl-iktar stadju bikri tal-proċess.

Fil-qies ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħatja, il-Qorti hi tal-fehma li ma jkunx spedjenti li twaħħal piena u serja minflok tagħti ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata.

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 20, 31, 261(b)(d), 263, 264, 265, 268(ċ), 278(2) u 337(2)(b)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qiegħda ssib lil GIUSEPPE VISANI ħati tal-imputazzjoni migjuba kontrih iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation (Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) qiegħda tilliberah bla ħsara għall-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet (3) snin.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.**

**Tordna wkoll li kopja skenjata tal-atti tal-proċeduri kif ukoll kopja ta' din is-sentenza, jiġu mibgħuta lill-Avukat Generali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**